*Imħabba Vera Għall-Qaddis*

# PROFETA MUĦAMMAD[sa]





Diskors minn Ħażrat Mirża Masroor Aħmad

*Kap Dinji tal-Komunità Aħmadija Musulmana*

*Imħabba Vera Għall-Qaddis*

# PROFETA MUĦAMMAD[sa]

## Il-film anti-Iżlamiku u reazzjonijiet għalih
## Libertà tal-kelma jew kliem ta' mibegħda?

Prietka tal-Ġimgħa mogħtija minn Ħażrat Mirża Masroor Aħmad, Kalifatul Masiħ V, Kap Dinji tal-Komunità Aħmadija Musulmana, fil-21 ta' Settembru 2012 fil-Moskea Baitul Futuħ, Londra.

B'risposta għall-film dilettantesk li juri lill-Qaddis Profeta Muħammad bl-iktar mod offensiv u fid-dawl tar-reazzjoni dinjija għall-film mill-Musulmani u dawk li mhumiex.

Il-Qdusija Tiegħu spjega kif l-Aħmadi – li huwa Musulman ġenwin – għandu jirreaġixxi u kif l-imħabba vera għall-Qaddis Profeta Muħammad (il-barka ta' Alla tkun dejjem miegħu) għandha tintwera mill-Musulmani mad-dinja kollha. Huwa ġibed ukoll l-attenzjoni għar-responsabbiltajiet li għandha d-dinja.

IL-KOMUNITÀ AĦMADIJA MUSULMANA MALTA

*Imħabba Vera Għall-Qaddis*

# PROFETA MUĦAMMAD[sa]

Dan l-aħħar għadu kif kien hawn kumplott internazzjonali kontra l-Iżlam u l-Fundatur Qaddis tiegħu l-Qaddis Profeta Muħammad (il-paċi u l-barkiet ta' Alla jkunu fuqu). Biex nużaw lingwaġġ vulgari, deskrizzjonijiet oxxeni, tgħawwiġ tat-tagħlim tal-Iżlam u tal-karattru nobbli tal-Qaddis Profeta Muħammad, propaganda negattiva, kritika moqżieża tal-iktar Nobbli fost il-Profeti, u l-Iżlam – dan kollu sar f'isem il-libertà tal-kelma u l-valuri ċivili tal-Punent.

L-Imam u l-Kap Suprem tal-Komunità Musulmana Aħmadija Mifruxa mad-Dinja, Hażrat Mirża Masroor Aħmad, Kalifatul Masiħ V, ta dil-Prietka tal-Ġimgħa fil-21 ta' Settembru, 2012 fil-moskea Baitul Futuħ f'Morden, Surrey, l-Ingilterra, bi tweġiba għall-film *"Innocence of Muslims"* u l-pubblikazzjoni fi Franza ta' karikaturi tal-Qaddis Profeta Muħammad (il-paċi u l-barkiet ta' Alla jkunu fuqu). F'din il-prietka Ħużur uriena x'għandha tkun ir-reazzjoni tagħna bħala Musulmani Aħmadi. F'dan il-ktejjeb qed nippreżentaw it-traduzzjoni ta' din il-Prietka għall-gwida ta' kulħadd. M'għandniex biss naqrawha b'attenzjoni iżda wkoll inqassmuha ma' kulħadd.

Munir-ud-Din Shams
Miżjud Wakilut-Tasnif
*Londra, Ottubru 2012*

**TRUE LOVE FOR THE HOLY PROPHET[sa]**
© Islam International Publications Ltd.
Maltese Translation: First Published in Malta in 2012
Translated & Published by: Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta
ISBN: 978-1-84880-756-3

# Bniedem ta' Paċi



*Hażrat Mirża Masroor Aħmad*

Fit-22 t'April 2003, fil-Moskea ta' Fażal f'Londra, Mirża Masroor Aħmad inħatar bħala l-Hames Kalif tal-Komunità Aħmadija Musulmana li hi mxerrda mad-dinja kollha.

Hajtu hija riflessjoni ta' dedikazzjoni, sodizza, talb u suċċess. Ir-rabta tiegħu m'Alla twasslu biex iħeġġeġ lill-komunità tiegħu biex qatt ma tinsa lil Dak li Jista' Kollox u biex ma taqta' qalbha qatt.

Il-konċentrazzjoni tiegħu fuq it-talb hija evidenti għal kulħadd u l-frott tas-suċċess ta' dan it-talb huwa xhieda tat-twemmin tiegħu. L-imħabba tiegħu lejn il-bniedem tħeġġeġ lilu u lill-komunità tiegħu biex iservu 'l-umanità.

Mindu laħaq Kalif, Hażrat Mirża Masroor Aħmad żar ħafna pajjiżi u għamel għadd ta' diskorsi mħeġġin lil udjenzi minn kulturi u ambjenti differenti.

*"Hu l-biża' tiegħi li meta nħarsu lejn id-direzzjoni li fiha mexjin l-affarijiet illum, id-dinamika politika u ekonomika tal-pajjiżi tad-dinja tista' tressaqna lejn gwerra dinjija. Mhux biss il-pajjiżi foqra tad-dinja, iżda wkoll il-pajjiżi sinjuri li qed jiġu affettwati. Għalhekk, hu d-dmir tas-superpotenzi li joqogħdu bilqiegħda u jsibu soluzzjoni biex isalvaw l-umanità mix-xifer tad-diżastru."*
*(Diskors fil-Parlament Britanniku nhar it-22 t'Ottubru 2008)*

بِسْمِ اللَّهِ الرَّحْمَٰنِ الرَّحِيمِ

# F'isem Alla, il-Ħanin, li Jagħder

Wara l-qari tat-Taxaħħud, Taawwuż u s-Surah Al-Fatiħa, il-Qdusija tiegħu qara l-versi 57-58 mis-Surah Al-A*ħżab* (kapitlu 33 tal-Koran) u qal:

إِنَّ اللّٰهَ وَمَلٰٓئِكَتَهُ يُصَلُّوْنَ عَلَى النَّبِيِّ ۚ يٰٓاَيُّهَا الَّذِيْنَ اٰمَنُوْا صَلُّوْا عَلَيْهِ
وَ سَلِّمُوْا تَسْلِيْمًا ۝ اِنَّ الَّذِيْنَ يُؤْذُوْنَ اللّٰهَ وَ رَسُوْلَهٗ لَعَنَهُمُ اللّٰهُ فِي
الدُّنْيَا وَ الْاٰخِرَةِ وَ اَعَدَّ لَهُمْ عَذَابًا مُّهِيْنًا ۝

Il-Qdusija tiegħu qal:

> "It-traduzzjoni ta' dawn il-versi mill-Koran hija:
>
> *"Alla u l-Anġli Tiegħu jibagħtu l-barka tagħhom fuq il-Profeta. Intom li temmnu! Intom ukoll għandkom tgħaddu l-barkiet tagħkom lilu u ssellmulu bit-tislima tal-paċi. Fis-sewwa, dawk li jonqsu lil Alla u l-messaġġier Tiegħu – Alla jibgħatilhom is-saħta f'din il-ħajja u f'dik wara l-qabar, u ħejja kastig għalihom li jbaxxihom."* (33:57-58)

# Reazzjoni naturali tal-Musulmani

Illum il-ġurnata, mewġa qawwija ta' rabja u qtigħ il-qalb qed taħkem id-dinja Musulmana u dik tal-Musulmani li jgħixu f'pajjiżi oħra, kawża ta' att estremament offensiv, grottesk u goff ipperpetwat mill-elementi anti-Iżlamiċi. Bir-raġun kollu l-Musulmani huma ġġustifikati fl-espressjoni ta' diqa u rabja tagħhom. Irrispettivament minn jekk Musulman għandux it-tagħrif meħtieġ fil-pożizzjoni attwali tal-Qaddis Profeta

Muħammad (il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu), huwa xorta waħda lest li jagħti l-ħajja tiegħu jew tagħha u jkun maqtul b'rispett u unur għall-Profeta Qaddis. L-għedewwa tal-Iżlam ħolqu filmat mill-iktar vili u offensiv kontra l-Profeta Qaddis, fejn il-Profeta hu muri bl-iktar mod baxx u insolenti possibbli. Għaldaqstant, l-għadab u r-rabja ta' kull Musulman ma setgħetx ma tkunx mistennija.

Il-Qaddis Profeta Muħammad (il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu) kien il-*Moħsin-e-Insaanijjat* (il-Benefattur tal-Umanità), ir-*Raħmatul-Lil-Aalameen* (il-Ħniena tal-Umanità) u l-Maħbub t'Alla li b'diqa kbira kien jishar tul il-lejl kollu biex l-umanità ma tintilifx. Huwa kien jesprimi din id-diqa u n-niket kollu biex itaffi mill-weġgħat tal-bnedmin tant li Alla fl-imħabba tiegħu, waqt li kien qed jindirizza lill-Qaddis Profeta qal, li bi pjaċir se tnikket lilek innifsek sal-mewt b'diqa għalihom jekk ma jemmnux fil-Ħallieq?

Il-filmat kontra l-Benefattur tal-Umanità li huwa mimli bil-gideb u l-vulgarità ċertament se jaqsam il-qlub tal-Musulmani, kif fil-fatt ġara. Iktar minn kulħadd, aħna l-Musulmani Aħmadi aħna mweġġgħin, għax aħna s-segwaċi tad-Devota veru u ardenti tal-Qaddis Profeta (li huwa l-Messija Mwiegħed, Hażrat Mirża Gulam Aħmad) li tana dehra vera tal-pożizzjoni eżaltata tal-Imgħallem Profeta Muħammad. Għalhekk aħna ninsabu mkissra b'dan l-att oxxen. Qlubna huma magħfusa. Aħna nissottomettu ruħna quddiem Alla l-iktar għoli u nitolbu li hu jagħmel ħaqq minn dawn il-midinbin. Jalla dawn ikunu sinjali ta' twiddib li jservu ta' lezzjoni sal-aħħar taż-żmien. L-Imam ta' żmienna tana l-għerf neċessarju rigward l-imħabba u d-devozzjoni vera lejn il-Profeta Qaddis (il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu), billi wriena kif nistgħu nirrikonċiljaw mas-serpenti u l-bhejjem feroċi. Madankollu aħna ma nistgħu nirrikonċiljaw qatt ma' dawk li b'ebusija jibqgħu jippersistu fl-insolenza tagħhom lejn il-Profeta Muħammad (il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu), is-Sid u l-Gwida tagħna, is-Siġill tal-Profeti kollha.

Il-Messija Mwiegħed kiteb,

> *"Il-Musulmani huma dawk li jagħtu ħajjithom għall-unur tan-nobbli Profeta tagħhom. Jippreferu l-mewt fuq id-diżunur tar-rikonċiljazzjoni ġenwina u l-ħbiberija ma' nies bħal dawn li*

*l-missjoni tagħhom hi dik li lejl u nhar joffendu l-Qaddis Profeta tagħhom u jżebilħu ismu bi kliem degradanti fir-rivisti, kotba u riklami tagħhom."*

Il-Messija Mwiegħed jgħid,

*"Ftakru, individwi bħal dawn ma jixtiqux il-ġid lil pajjiżhom għax joħolqu l-ostakli fil-mogħdijiet tagħhom. Nistqarr bl-ikbar onestà li hu possibbli għalina li nirrikonċiljaw mas-sriep u l-bhejjem slavaġ u mhux ma' nies bħal dawn li jibqgħu jippersistu fl-insolenza lejn il-profeti qaddisa t'Alla. Huma jemmnu li fil-lingwaġġ abbużiv u vulgari tagħhom hemm ir-rebħ, madankollu r-rebħ kollu jiġi mis-sema."*
*(Chaxma-e-Ma'rifat, Ruħaani Khazaa'in; vol.23, p.385-387)*

Ikompli jgħid li,
*"Permezz tal-qdusija tal-kliem safi tagħhom, dawn jirbħu l-qlub u l-imħuħ, filwaqt li l-qarrieqa ma jafux ħlief joħolqu d-diżgwid u l-kunflitti ... l-esperjenza tixhed ukoll li dawn jispiċċaw biex jiltaqgħu ma' tmiem mhux feliċi. Is-sens ta' unur f'Alla jgħaddi fl-aħħar fuq il-Maħbubin tiegħu."*

Fl-era tal-lum, barra l-ġurnali u l-pamflets eċċ, jeżistu forom oħra tal-midja li qed jintużaw ukoll għal din il-vulgarità. Għalhekk dawk li jippersistu f'din it-trasgressjoni, Alla jippermetti, jinħakmu mill-korla Tiegħu.

Fl-2006, meta xi nies malizzjużi għamlu karikaturi vulgari tal-Qaddis Profeta, jien ġbidt l-attenzjoni tal-Komunità Aħmadija biex din tagħti risposta xierqa u għedt li nies qarrieqa bħal dawn eżistew qabel u se jeżistu wkoll 'il quddiem. Il-protesti tal-Musulmani ma kienx se jkollhom impatt u huma kienu se jibqgħu jwettqu l-istess azzjonijiet. Naraw li l-azzjonijiet tagħhom saru iktar vulgari u inġusti minn qabel. Minn dak iż-żmien 'l hawn f'dan ir-rigward l-imġiba tagħhom marret għall-agħar. Din se tkun il-waqgħa u t-telfa tagħhom permezz tal-Iżlam li qed iqanqalhom biex ikunu offensivi u malafamanti f'isem il-libertà tal-kuxjenza.

Kif stqarr l-Imwiegħed Messija, "Ftakru li dawn in-nies ma jridux il-ġid lanqas lil pajjiżhom. Xi darba l-metodu żbaljat tagħhom se jispiċċa biex ikissirhom. Il-vulgaritajiet u l-oxxenitajiet li llum

jipperpetwaw se jispiċċaw biex iferu 'l pajjiżhom, għax dawn innies huma inġusti u egoisti. Dawn mhuma interessati f'xejn ħlief f'li jwettqu x-xewqat tagħhom."

## Diskors pur u virtuż iħalli effett kbir

Attwalment, f'isem il-libertà tal-kelma, politiċi u oħrajn, fil-beraħ kif ukoll indirettament, qed jitkellmu favur tagħhom. F'xi waqtiet, xi wħud qed jitkellmu favur il-Musulmani wkoll. Madankollu, ftakru li d-dinja saret villaġġ globalizzat. Dawn il-ħwejjeġ jistgħu jeqirdu l-paċi ta' dawn il-pajjiżi jekk din il-ħżunija ma tkunx iddikjarata fil-beraħ bħala ħżunija. Dan irid isir minkejja l-korla t'Alla li għad trid tiġi. Ftakru fil-qawl tal-Imam tal-epoka; li r-rebħiet kollha jiġu mis-sema u kien miktub fis-sema li l-Messaġġier li qed tipprovaw tinsultaw għad joħroġ rebbieħ fuq id-dinja. Kif qal il-Messija Mwiegħed, huwa jipprevali billi jirbaħ fuq il-qlub tagħhom għax **il-kliem safi għandu impatt. Id-diskors safi ma jenħtieġx miżuri estremisti u l-vulgarità m'għandhiex titpatta bil-vulgarità."**

L-imġiba mistmerra u d-diskors vili kien instigat minn dawn innies u, jekk Alla jippermetti, malajr jasal fi tmiemu. Alla wkoll jagħmel ħaqq minn dawn il-ħjiena fil-ħajja lil hinn mill-qabar.

Fil-versi li qrajt mill-Koran, Alla s-Setgħani jiġbed l-attenzjoni ta' dawk li jemmnu lejn ir-responsabbiltajiet tagħhom; lejn id-dmir tagħhom li josservaw id-*Durood* u s-*Salaam* (it-tislimiet u l-paċi) lejn il-Qaddis Profeta (il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu).

**Il-vulgaritajiet, il-malizzja u t-twaqqigħ għaċ-ċajt m'għandhom l-ebda effett fuq l-unur u d-dinjità tal-Profeta bl-ebda mod, sura jew forma. Huwa Profeta Kbir tant li saħansitra Alla u l-anġli tiegħu bagħtu d-*Durood*. Fid-dmir ta' dawk kollha li jemmnu li kontinwament iwettqu d-*Durood* (bl-invokazzjoni tal-barka u t-tislijiet) lejn il-Qaddis Profeta. Meta l-għadu jesaġera fl-atti vulgari, iktar minn qatt qabel għandek tinvoka d-*Durood* lejn il-Profeta Qaddis.**

## It-talba tal-barka għall-Profeta Qaddis

اللهم صل على محمد وعلى آل محمد كما صليت على إبراهيم وعلى آل إبراهيم إنك حميد مجيد

اللهم بارك على محمد وعلى آل محمد كما باركت على إبراهيم وعلى آل إبراهيم إنك حميد مجيد

*"Bierek O Alla, lil Muħammad u l-poplu tiegħu kif int berikt lil Abraham u l-poplu tiegħu; int tabilħaqq il-Glorjuż, dak li jistħoqqlu kull tifħir. Mexxi 'l quddiem, O Alla, 'il Muħammad u l-poplu ta' Muħammad kif mexxejt 'il quddiem lil Abraham, u l-poplu ta' Abraham; int tabilħaqq li ħaqqek kull tifħir, il-Glorjuż."*

Għalhekk din biss hija d-*Durood* (l-invokazzjoni tat-tislimiet u l-barkiet) u dan biss huwa l-Profeta li għalih huwa ddestinat ir-rebħ fid-dinja.

## Id-dmirijiet tal-Aħmadin

Filwaqt li l-Musulman Aħmadi jesprimi l-istmerrija, id-diqa kbira u r-rabja tiegħu lejn dawn l-atti vulgari, huwa/hija jipprova jiġbed l-attenzjoni tal-perpetraturi biex jieqfu milli jwettqu dawn l-atti u tal-awtoritajiet biex iwaqqfuhom. Mill-perspettiva tad-dinja l-Aħmadi jipprova jwettaq sforz individwali biex jinforma lid-dinja b'din ir-realtà kif opposta għal din il-konspirazzjoni, u jippreżenta l-aspetti sbieħ tal-mudell imbierek tal-Qaddis Profeta.

**L-Aħmadi jipprova jagħti xhieda tal-eżempju mbierek tal-Qaddis Profeta f'kull att tiegħu jew tagħha, u b'hekk juri lid-dinja l-identità vera tiegħu fil-prattika. Tabilħaqq irġiel, nisa, żgħażagħ, xjuħ u tfal iktar minn qatt qabel għandhom jagħtu attenzjoni ikbar lid-*Durood* u s-*Salaam* (invokazzjoni tat-tislimiet u l-paċi) u għandhom jimlew l-ambjenti ta' madwarhom bihom. Kulħadd għandu jagħmel minn azzjonitu mudell prattiku tat-tagħlim Iżlamiku. Din hija r-risposta sabiħa li rridu nagħtu.**

Fir-rigward tal-konsegwenzi tal-midinbin, Alla fit-tieni vers uriena (moqrija fil-bidu), li kull min iweġġa' lill-Messaġġier jew jikser il-qlub ta' dawk li llum għandhom it-twemmin, irid iħabbat wiċċu m'Alla nnifsu. Dawn huma n-nies misħuta f'din il-ħajja minn Alla s-Setgħani, u minħabba f'din is-saħta huma jkomplu jegħrqu dejjem iktar fil-ħmieġ u l-indiċenza. U għal nies bħal dawn Alla ordna kastig mill-iktar iebes u umiljanti wara l-mewt. L-Imwiegħed Messija fehemna kif dawk in-nies li jużaw lingwaġġ vulgari jiffaċċjaw tmiem mill-iktar infeliċi. F'din il-ħajja jilħqu d-destin tagħhom fis-saħta t'Alla, u fil-ħajja wara l-mewt tieħu s-sura tal-kastig umiljanti t'Alla.

**Musulmani oħra wkoll, skont it-tagħlim u l-ordnijiet t'Alla s-Setgħani, għandhom jimlew il-pajjiżi, ir-reġjuni u l-atmosfera tagħhom bid-*Durood* (invokazzjoni tat-tislimiet u l-barkiet) lejn il-Profeta Muħammad (il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu). Din għandha tkun it-tweġiba tal-Musulman. Ir-reazzjoni bil-ħruq u t-tqabbid ta' proprjetà u ħwejjeġ oħra f'darhom stess u l-qtil ta' persuni, jew li l-pulizija jiġu kostretti jisparaw fuq iċ-ċittadini tagħhom stess, dan kollu huwa inutli.**

## Libertà tal-kelma jew kliem ta' mibegħda

Mill-mezzi tax-xandir u r-rapporti fuq il-ġurnali joħroġ li nies sinċieri fil-Punent, kemm fl-Istati Uniti u hawn, huma ddispjaċuti u ddiżgustati b'dan l-att goff. Minkejja dan min jokkupa s-siġġu tal-poter minn banda jiddeplora dan l-att u mill-banda l-oħra jiddefendih f'isem il-libertà tal-espressjoni u tal-kelma. Din l-inkonsistenza jeħtieġ tieqaf.

Il-liġi tal-libertà tal-espressjoni mhix skrittura Divina. Għalhekk, kif għedt meta indirizzajt il-politiċi Amerikani, il-liġijiet magħmula mill-bniedem huma suxxettibbli għall-iżbalji u n-nuqqasijiet. Waqt il-proċess leġiżlattiv ċertu aspetti jistgħu faċilment jinqabżu għax il-bniedem m'għandux għarfien ta' dak

li ma jarax, filwaqt li Alla s-Setgħani hu dak li għandu l-għarfien ta' dak li ma jidhirx. Il-liġijiet t'Alla huma perfetti.
Tqisux, għaldaqstant, il-liġijiet magħmula mill-bniedem bħala perfetti tant li ma jistgħux isiru alterazzjonijiet jew bidliet fihom. Filwaqt li teżisti l-liġi tal-libertà tal-kelma lanqas fl-istatut tan-Nazzjonijiet Uniti ma nsibu liġi li tippermetti lil xi ħadd biex iweġġa' s-sentimenti reliġjużi tal-oħrajn jew jinsulta l-personaġġi sagri ta' reliġjonijiet oħra. Din mhix miktuba bħala liġi mkien u huwa proprju għalhekk li l-paċi fid-dinja qed tiġi meqruda. Dan qed iwassal il-lava ta' mibegħda biex tiżbroffa u l-abbiss bejn il-pajjiżi u r-reliġjonijiet biex jitwessa' dejjem iktar.

Filwaqt li l-liġi tal-libertà tal-kelma twassal għal iktar libertà individwali, dan ma jfissirx li għandu jkun hemm liġi li tagħti lok lil ħaddieħor biex jilgħab bis-sentimenti tal-oħrajn. Huwa proprju għalhekk li n-NU qiegħda tfalli. Hi tqis it-twaqqif ta' din il-liġi inutli bħala kisba kbira.

## Tisħitx l-idoli tal-oħrajn!

**Iżda, ħarsu lejn il-liġi t'Alla. Il-liġi t'Alla s-Setgħani tisħaq li wieħed lanqas biss għandu jżeblaħ l-idoli ta' popli oħra li dawn ma jmorrux jagħmlu l-istess lill-Alla tiegħu l-iktar qawwi bi kliem ta' disprezz li jweġġgħu l-qlub, iżidu l-kunflitti, il-ġlied u d-diżordni fil-pajjiż.**

Għalhekk, dan hu t-tagħlim sabiħ imwassal mill-Alla tal-Iżlam, Alla ta' din id-Dinja u dan l-Univers. Li bagħat lill-maħbub tiegħu l-Qaddis Profeta (il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu) bil-liġi perfetta u t-tagħlim meħtieġ għar-riformazzjoni tal-bniedem u biex jistabbilixxi l-imħabba u l-kompassjoni. Huwa tah t-titlu ta' *Raħmatul-Lil-Aalameen* (Il-Ħniena tal-Bnedmin kollha) u għalhekk bagħat lill-Profeta Muħammad (il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu) bħala l-Ħniena tal-popli kollha.

Għalhekk dawk fid-dinja li huma edukati, il-politiċi u dawk kollha fl-awtorità għandhom jikkunsidraw kif huma wkoll qed jissieħbu f'din id-diżordni kull meta ma jkunux sodi fil-konfront ta' dawn in-nies korrotti? In-nies inġenerali jridu jikkunsidraw



ukoll, illi kull meta jilagħbu bis-sentimenti reliġjużi tal-oħrajn u jaqblu ma' dawn il-ftit kreaturi moqżieża, huma wkoll ikunu qed jieħdu sehem fil-qerda tal-paċi dinjija?

**Aħna, il-Musulmani Aħmadin, ma nħallux ġebla mhux mittiefsa biex inservu l-umanità. Fl-Istati Uniti, kien hemm domanda kbira għad-demm u għalhekk is-sena l-oħra l-Aħmadin taw donazzjoni ta' 12,000 flixkun demm, u f'dal-ġranet qed jassistu fil-mixja favur l-għoti tad-demm. Aħna l-Musulmani Aħmadin qed noffru d-demm tagħna u intom qed taqsmulna qalbna b'atti ta' min jistmellhom, jew billi taqblu ma' min wettaqhom.**

Din hija t-tweġiba għalhekk tal-Aħmadi – Musulman ġenwin. Mill-banda l-oħra din hija t-tweġiba ta' settur partikolari li jaħsbu li b'hekk qed iwettqu l-ġustizzja. Huma jixlu lill-Musulmani li qed iġibu ruħhom b'mod żbaljat. **Huwa minnu li ċertu reazzjonijiet min-naħa tal-Musulmani huma żbaljati: il-ħsara u d-distruzzjoni, il-ħruq tal-proprjetà, il-qtil tal-innoċenti, in-nuqqas ta' protezzjoni jew il-qtil tad-diplomatiċi huma kollha żbaljati. Madankollu, it-twaqqigħ għaċ-ċajt u l-insulti diretti lejn il-profeti innoċenti t'Alla huma wkoll dnub kbir ħafna.**

B'sens ta' ripetizzjoni, rivista Franċiża dan l-aħħar ippubblikat karikaturi offensivi li huma saħansitra agħar minn dawk ta' qabilhom. Dawn in-nies tad-dinja jaħsbu li d-dinja hi kollox u ftit

jirrealizzaw li l-istess dinja se tkun is-sors tal-qerda tagħhom.

Hawn irrid niddikjara li l-gvernijiet Musulmani jaħkmu fuq il-maġġorparti tad-dinja. Alla s-Setgħani ta riżorsi naturali bl-abbundanza lil ħafna pajjiżi Musulmani. Il-pajjiżi Musulmani huma parti wkoll min-Nazzjonijiet Uniti. Huma jaqraw u jemmnu fil-Koran Imqaddes, li jipprovdi l-kodiċi ta' kondotta l-iktar perfetta u sħiħa għal kull aspett tal-ħajja. Għaliex il-gvernijiet Musulmani m'għamlux sforz biex iwasslu lid-dinja t-tagħlim sabiħ tal-Koran Imqaddes f'kull livell? Għaliex ma jgħidux li skont il-Koran li wieħed jilgħab bis-sentimenti reliġjużi tal-oħrajn jew li wieħed jipprova jonqos mir-rispett lejn il-profeti t'Alla huwa reat gravi u dnub serju? Għaliex ma jagħmlu xejn f'dan ir-rigward?

**Huwa meħtieġ għall-paċi dinjija li dan jifforma parti mill-istatut tal-paċi tan-Nazzjonijiet Uniti - li l-ebda pajjiż membru m'għandu jippermetti lil xi ħadd miċ-ċittadini tiegħu li jilgħab bis-sentimenti reliġjużi tal-oħrajn u li l-paċi dinjija tinqered f'isem il-libertà tal-kelma.**

Madankollu, sfortunatament, dan kollu ilu għaddej għal ħafna żmien. Il-pajjiżi Musulmani qatt m'għamlu sforz komuni u kollettiv biex jinfurmaw lid-dinja dwar l-unur tal-Qaddis Profeta (il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu) u l-profeti l-oħra kollha u dan qatt ma kien rikonoxxut fuq livell internazzjonali.

Dan bħal statuti oħra tan-Nazzjonijiet Uniti mhux se jkun implimentat għax liema statut ta' paċi tan-Nazzjonijiet Uniti qed jiġi implimentat fil-mument? Tal-inqas, bis-saħħa t'hekk xi ħaġa tkun irreġistrata.

L-OIC (l-Organizzazzjoni tal-Pajjiżi Iżlamiċi) ilha stabbilita żmien twil madanakollu qatt m'għamlet sforz rigoruż biex tistabbilixxi l-unur u d-dinjità tal-Musulmani fid-dinja. Minflok, il-mexxejja Musulmani huma medhija jfittxu l-interessi tagħhom. Mhumiex interessati fil-meravilji tal-fidi. Li kieku l-mexxejja Musulmani tagħna wettqu sforz serju l-pubbliku ma kienx jirreaġixxi b'dan il-mod skorrett kif qed jiġri attwalment fil-Pakistan u f'pajjiżi oħra. Dan għax kienu jserrħu rashom li l-mexxejja tagħhom, magħżula proprju għal dan il-għan, kienu se jqumu f'fora dinjija b'tali mod li d-dinja jkollha taċċetta li għandhom raġun.



Hemm numru kbir ta' Musulmani li jgħixu fil-Punent u f'partijiet oħra tad-dinja. Il-Musulmani huma t-tieni l-ikbar potenza fid-dinja f'sens ta' popolazzjoni u reliġjon. Li kellhom jimxu fuq il-kmandamenti t'Alla l-iktar setgħani kienu jkunu l-ikbar forza f'kull sens u l-forzi anti-Iżlamiċi lanqas biss kienu jikkontemplaw li jwettqu atti daqshekk krudili. Minbarra fil-pajjiżi Musulmani għadd kbir ta' Musulmani jgħixu f'kull pajjiż fid-dinja. Fl-Ewropa hemm miljuni ta' Musulmani fit-Turkija biss. Fil-fatt hemm miljuni ta' Musulmani fil-pajjiżi kollha tal-Ewropa. Bl-istess mod, gruppi etniċi Musulmani oħra waslu mill-Asja fir-Renju Unit, l-Istati Uniti, il-Kanada u f'kull rokna tal-Ewropa. Li kieku dawn kollha kellhom jivvutaw għal dawk l-politiċi li mhux biss jipprofessaw it-tolleranza reliġjuża b'mod verbali, imma jwettqu dan fil-prattika, u jikkundannaw lil dawk li jipperpetwaw vulgaritajiet bħal dawn, kieku anke minn ħdan dawn il-gvernijiet dinjija kien joħroġ grupp li jiddenunzja din l-indiċenza. Għalhekk jekk il-Musulmani jifhmu l-importanza tagħhom, huma jkunu jistgħu jwasslu għal rivoluzzjoni fid-dinja li twassal għall-iffaċilitar ta' liġijiet li jippromwovu r-rispett lejn is-sentimenti reliġjużi fil-pajjiżi. Sfortunatament il-Musulmani dan mhux jagħrfuh.

Il-Komunità Musulmana Aħmadija hija ffukata proprju fuq dan, filwaqt li l-Musulmani jinsabu bieżla biex jopponuha, u minflok qed isaħħu id dawk li qed jimmalafamawhom. Jalla Alla s-Setgħani jogħġbu jagħti l-għerf u d-dehen lill-mexxejja Musulmani, il-politiċi u l-istudjużi reliġjużi biex dawn ikunu jistgħu jsaħħu lilhom infushom, jagħrfu l-importanza tagħhom u jagħtu widen għat-tagħlim Iżlamiku.

## Il-produtturi tal-film

It-tħassir morali ta' dawk li wettqu allegazzjonijiet oxxeni kontra l-Profeta Qaddis (il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu) u pproduċew jew ħadmu għal dan il-film, jidher fir-rapporti tal-midja dwarhom. Il-persuna ewlenija wara l-film intqal li huwa Kristjan Koptu li jgħix l-Istati Uniti bl-isem ta' Nakoula Basseley. Hu għandu kondotta kriminali u qatta' żmien il-ħabs fuq frodi. Il-persuna li dderieġa il-film huwa direttur tal-films pornografiċi u l-atturi kollha li jidhru fil-film huma atturi tal-films pornografiċi. L-eċċessi tal-pornografija jisbqu kull limitu. Dan huwa għalhekk il-livell morali tagħhom. Daqshekk niżlu fil-ħmieġ u l-indiċenza. Minkejja dan huma għandhom il-wiċċ jikkritikaw il-persuna li għall-morali għolja u s-safa tiegħu Alla nnifsu ta x-xhieda tiegħu. Bit-twettiq ta' dan l-att oxxen, bla dubju se jkomplu jiġbdu l-korla t'Alla. Lanqas l-isponsers u s-segwaċi ta' dan il-film ma jistgħu jaħarbu l-kastig t'Alla, inkluż qassis Kristjan li għal darb'oħra, għal ftit pubbliċità rħisa fl-Istati Uniti, ipprova jaħraq il-Koran Imqaddes.

اَللّٰهُمَّ مَزِّقْهُمْ كُلَّ مُمَزَّقٍ وَ سَحِّقْهُمْ تَسْحِيقاً۔

*"Sidna, farrakhom biċċiet,*
*tifrika sħiħa u rriduċihom fi trab."*

## Xi Musulmani 'l bogħod mill-Iżlam veru

Xi sezzjonijiet tal-midja kkundannaw kemm il-film kif ukoll ir-reazzjoni tal-Musulmani. Reazzjonijiet eċċessivi għandhom tabilħaqq ikunu kkundannati, iżda wieħed ma jridx jinsa wkoll min instiga dan kollu. Kif għedt qabel, hija l-isfortuna tal-Musulmani li dan kollu seta' jiġri proprju għax il-Musulmani mhumiex magħquda u m'għandhomx tmexxija tajba. Għalkemm jinsistu li jħaddnu mħabba qawwija lejn il-Profeta Qaddis (il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu), huma mbiegħda mill-fidi. Huma jistgħu jinsistu li huma sħaħ fil-fidi, iżda huma m'għandhom l-ebda għarfien tar-reliġjon u kontinwament jiddgħajfu f'sens dinji.

L-ebda pajjiż Musulman ma pprotesta b'saħħa ma' xi pajjiż ieħor dwar dan. Fejn saru protesti dawn kienu dgħajfa tant li l-midja ma tatx kashom. L-aħbar li ngħatat rigward il-protesti u l-oġġezzjonijiet tal-Musulmani kienet li 1.8 biljun Musulman kienu qed iġibu ruħhom b'mod infantili. Għax m'hemm ħadd wara t-tmun u kulħadd jinsab imferrex u mifxul, ir-reazzjoni ma tistax ma tkunx infantili. Dan kien kumment ċiniku li madankollu ħareġ fil-beraħ ir-realtà. Jalla Alla jippermetti 'l-Musulmani biex tal-inqas juru ftit sens ta' ħtija u mistħija. Il-popli l-oħra huma spiritwalment għomja u ma jafu xejn dwar l-importanza tal-profeti. Jibqgħu siekta saħansitra meta l-importanza tal-Profeta Kristu tiġi mnaqqsa. Għalhekk iqisu l-passjoni tal-Musulmani lejn il-Qaddis Profeta bħala infantili.

## Reazzjoni purament Musulmana

Kif stqarrejt qabel, fl-2006 kont ġbidt ukoll l-attenzjoni lejn it-twaqqif ta' pjan ċar u b'saħħtu t'azzjoni biex fil-futur ħadd ma jipprova jinsulta lil ħaddieħor b'dan il-mod. Mhux li kien jaħasra li l-Musulmani taw kas ta' dan! Kull Aħmadi għandu wkoll jagħmel sforz biex iwassal dan il-messaġġ. Billi (il-Musulmani) jipprotestaw għal ftit u wara jieqfu b'daqshekk il-problema mhux se tkun solvuta.

Kien hemm suġġeriment (ta' spiss in-nies jagħmlu s-suġġerimenti tagħhom) li l-avukati kollha Musulmani jingħaqdu flimkien u jagħmlu petizzjoni. Mhux li kien li avukati Musulmani bi statura internazzjonali jiddeliberaw fuq il-possibbiltà li jsir dan, jew li tinstab soluzzjoni oħra.

Kemm se ndumu nassistu għal atti vulgari u oxxeni bħal dawn? Kemm se ddum tipprotesta u tikkawża l-ħsara u d-distruzzjoni, biex wara taqa' fis-sikta? Dan m'għandu l-ebda effett fuq id-dinja tal-Punent jew fuq min ipproduċa l-film.

**Li wieħed joqtol, jhedded li joqtol jew jipprova joqtol nies innoċenti u jattakka l-ambaxxati jmur kompletament kontra t-tagħlim tal-Iżlam. L-Iżlam ma jippermettix dan taħt l-ebda sura jew forma. Bi mġiba bħal din wieħed ikun qed**

**johloq opportunità għall-oġġezzjonijiet kontra l-Imqaddes Profeta (il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu). Għalhekk l-estremiżmu mhuwiex risposta. Kif spjegajt qabel, it-tweġiba tinsab f'li wieħed ibiddel il-prattika tiegħu u fl-invokazzjoni tad-*Durood* u s-*Salaam* (tislimiet u paċi) lejn il-Qaddis Profeta, li huwa mezz ta' salvazzjoni għall-umanità kollha.**

Huwa bis-saħħa tal-għaqda fost il-Musulmani u permezz tal-vot tal-Musulmani li jgħixu fil-Punent li din is-sitwazzjoni tista' tinbidel.

Membri tal-Ġama'at Aħmadija għandhom jaħdmu b'dan il-mod kull fejn ikunu. Għandhom iħabirku wkoll biex jikkonvinċu nies li jafu li mhumiex Aħmadi biex jimxu f'din il-mogħdija; li jiksbu s-saħħa tagħhom f'pajjiżi bħal dawn permezz tal-vot. Iwasslu l-aspetti sbieħ tal-ħajja qaddisa tal-Qaddis Profeta lid-dinja.

## Libertà fl-Iżlam

Illum il-ġurnata d-dinja tinsisti fuq il-libertà tal-kelma. Jallegaw li ma teżistix fl-Iżlam billi jġibu eżempji ta' pajjiżi Musulmani fejn iċ-ċittadini m'għandhomx il-libertà tal-kelma. Jekk qed jiġri hekk fil-pajjiżi Musulmani dan m'għandu l-ebda rabta mal-Iżlam u hija sfortuna għalihom li mhumiex jimxu fuq it-tagħlim Iżlamiku.

Fl-istorja nsibu diversi eżempji ta' nies li indirizzaw il-Qaddis Profeta b'mod arroganti u bla ebda etikett jew rispett. Minkejja dan, il-Qaddis Profeta wera tolleranza liema bħalha u paċenzja li ma taf l-ebda eżempju ieħor fid-dinja. Se nippreżenta ftit eżempji ta' dan, eżempji li, għalkemm ta' spiss jiġu ppreżentati biex juru t-tjubija u l-ġenerożità tal-Qaddis Profeta, juru wkoll in-nuqqas ta' biża', id-determinazzjoni u l-paċenzja tiegħu.

# Is-sabar tal-Qaddis Profeta Muħammad

Ħażrat Jubair bin Muddin jirrakkonta li darba kien mal-Qaddis Profeta u xi nies oħra kienu miegħu wkoll. Il-Profeta kien ġej lura mill-Ħunajn. Il-Bedwini ċċirkondaw 'il-Profeta u tant bdew jitolbuh b'persistenza li kellu jirtira lejn siġra mxewka, u l-mantar tiegħu nqabadlu max-xewk. Il-Qaddis Profeta waqaf u qal,

> "*Tuni lura l-mantar. Li kieku kelli iġmla daqskemm hawn siġar selvaġġ kont nagħtihomlkom u b'hekk ma kontux issibuni xħiħ, falz jew beżżiegħ.*"
> (*Saħiħ Al-Bukhari Kitaab Farzil-Khumus,* Tradizzjoni 3148)

Fi tradizzjoni oħra, Ħażrat Anas jgħid, "Darba kont fil-kumpanija tal-Profeta li kien liebes mantar bi trufu ħoxnin. Bedwin ġibidlu l-mantar b'tant saħħa li t-trufijiet ħallew marka madwar għonqu. Imbagħad qal, 'O Muħammad! Mill-ġid li Alla s-Setgħani tak għabbi ftit minnu fuq dawn iż-żewġt iġmla minn tiegħi, għax la se tkun qed tagħti mill-ġid tiegħek u lanqas mill-ġid ta' missierek.' Għall-bidu l-Qaddis Profeta baqa' sieket. Imbagħad qal, 'Il-ġid hu t'Alla u jien il-qaddej t'Alla.' Imbagħad il-Profeta qal, 'Vendetta se tinsilet għat-tbatija li kkawżajtli.' Dak il-Bedwin qal, 'Le'. Il-Profeta qal, 'Għaliex m'għandhiex tittieħed vendetta?' Il-Bedwin wieġeb, 'Għax m'għandikx twieġeb għall-ħażen b'ħażen ieħor.' Il-Qaddis Profeta daħak. Imbagħad ordna li x-xgħir jiġi mgħobbi fuq wieħed mill-iġmla tal-Bedwin u t-tamal fuq l-ieħor." (*Ax-xifa ta' Kaażi Ajjaaż,* parti 1, p.74)

Dan, għalhekk, huwa l-ogħla grad ta' tolleranza u paċenzja tal-Qaddis Profeta (il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu). Dan ma wriehx biss mas-segwaċi tiegħu, iżda wkoll mal-għedewwa. Il-livelli morali għolja tiegħu jinkludu l-munifiċenza, il-kompassjoni, il-paċenzja, is-sabar, kif ukoll turija ta' tolleranza kbira. Iżda l-malafamanti nieqsa mill-għarfien, mingħajr ħsieb jew konsiderazzjoni, jersqu 'l quddiem u jallegaw li r-*Rahmatullil Aalameen* (Il-Ħniena tal-Umanità kollha), il-Profeta Muħammad, kien sever, aħrax u l-kumplament.

Fil-film tqajmu wkoll oġġezzjonijiet li jien ma rajtx iżda li smajt minn persuni oħra kontra l-Koran Imqaddes. Il-film jallega li l-Koran inkiteb mill-kuġin ta' Ħażrat Khadija, Waraqa bin

Naufal, li għandu Ħażrat Khadija ħa lill-Profeta wara li dan kellu l-ewwel revelazzjoni. Matul ħajjet il-Profeta l-*Kuffaar* (l-infidili) kontinwament kienu jqajmu l-oġġezzjoni għall-mod kif il-Koran kien qiegħed jiġi żvelat lilu biċċa biċċa, minflok bħala ħaġa sħiħa. Imsieken bħal dawn huma nieqsa kompletament mill-għerf u fatti storiċi awtentiċi. Dawk l-Insara li jqisu lilhom infushom infurmati sew f'dan is-suġġett huma fir-realtà injoranti bil-kbir. Waraqa bin Naufal fil-fatt jgħid, "Nixtieq inkun hawn meta niesek ibarruk minn pajjiżhom." Ftit wara miet. (*Saħiħ Al-Bukhari Kitaab Bad'ul-Waħi,* kap.3, Tradizzjoni 3)

Qassisin Insara bħal dawn, kif għedt diġà, m'għandhomx l-iċken idea tal-fatti storiċi veri. L-Orjentalisti dejjem iddibattew is-*Surahs* (il-kapitli tal-Koran) kinux rivelati f'Mekka jew fil-Medina. Fl-istess ħin jemmnu li Waraqa kiteb il-Koran Imqaddes. Il-Koran Imqaddes jagħti lok għall-isfida hu stess billi, "Jekk jemmnu li nkiteb minn ħaddieħor ħallihom joħolqu kapitlu bħalu."

## Attenzjoni għas-sentimenti tal-oħrajn

Fejn jidħol ir-rispett lejn is-sentimenti tal-oħrajn il-Qaddis Profeta kien uniku wkoll. Għalkemm il-Profeta Muħammad huwa ikbar minn kull profeta ieħor, biex ma jweġġax is-sentimenti ta' Lhudi, darba qal,

> "Tqisunix ikbar minn Mosè."
> (*Saħiħ Al-Bukhari Kitaab fil-Khusumaat,* Tradizzjoni 2411)

Hemm ukoll il-konsiderazzjoni kbira u r-rispett tal-Profeta lejn il-foqra. Darba, ngħidu aħna, segwaċi tiegħu sinjur ħafna kien joqgħod jiftaħar dwar kemm kien aħjar minn ħaddieħor. Il-Qaddis Profeta sema' dan u qal,

> "Taħseb li s-saħħa, il-qawwa, u l-ġid tiegħek kollu ksibthom permezz tal-isforzi tiegħek? Assolutament le! Il-qawwa tat-tribù tiegħek flimkien ma' ġidek ksibthom minn fuq dahar il-foqra."
> (*Saħiħ Al-Bukhari Kitaabul-Jiħad,* Tradizzjoni 2896)

Illum dawk li jinsistu fuq il-libertà jistabbilixxu d-drittijiet tal-foqra u jirsistu biex jipproteġuhom. Madankollu 1400 sena ilu

l-Qaddis Profeta (il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu) waqqaf dawn id-drittijiet meta qal li l-ħaddiem għandu jitħallas dak li hu dovut lilu qabel ma jinxef l-għaraq fuq ġbinu. (*Sunan Ibn-e-Maajaħ Kitaabur-Ruħun,* Tradizzjoni 2443)

B'dal-mod kif jistgħu jlaħħqu mal-Benefattur tal-Umanità? Jeżistu għexieren ta' rakkonti dwar il-Profeta. Hu liema aspett trid mill-ħajja tal-Qaddis Profeta u f'kull ċirkostanza ssib l-ogħla eżempju morali possibbli.

## Kritika miċħuda tal-Qaddis Profeta

Allegazzjoni oħra hi li l-Profeta kien iħobb in-nisa, u oġġezzjonijiet jitqajmu kontra ż-żwiġijiet tiegħu. Alla s-Setgħani kien jaf, madankollu, li allegazzjonijiet u mistoqsijiet bħal dawn kienu se jitqajmu fil-futur u ħa ħsieb joħloq dawk iċ-ċirkostanzi li jwaqqgħu dawn l-allegazzjonijiet.

Jintqal li Asmaa bint Noumaan bin Abi Joun kienet fost l-isbaħ nisa Għarab. Meta ġiet fil-Medina s-sbuħija tagħha kienet imfaħħra minn kull mara li ltaqgħet magħha. Huma kienu jgħidu li f'ħajjithom qatt ma kienu għadhom raw mara sabiħa daqshekk. Fuq xewqa ta' missierha hi ntrabtet bil-kelma taż-żwieġ mal-Profeta għal dota ta' 500 Dirham. Meta l-Qaddis Profeta mar għandha hi qalet, "Infittex 'l Alla permezz tiegħek." Il-Qaddis Profeta wieġeb, "Int fittixt ir-refuġju f'Santwarju Kbir" u telaq. Wara hu qal lil Abu Usaid, wieħed mis-segwaċi tiegħu, biex jeħduha lura għand il-familja tagħha. Huwa fatt storiku li l-familja tagħha kienu kuntenti immens li binthom kienet se tiżżewweġ lill-Qaddis Profeta. Madankollu meta din marret lura d-dar dawn ħaduha bi kbira mhux ħażin. (*At-Tabaqaatul-Kubraa Libne Sa'd* , parti 8, p.318-319)

Għalhekk dan kien dik il-persuna li dwarha qed isiru dawn l-akkużi terribbli li kien iħobb in-nisa; meta dan iżżewweġ skont il-pjan t'Alla.

L-Imwiegħed Messija jfehemna kif,

"Li kieku l-Qaddis Profeta ma kellux nisa u tfal, li kieku ma ħabbatx wiċċu mal-provi u t-tribulazzjonijiet kollha li minnhom għadda, u li kieku ma ttrattax lin-nisa tiegħu bl-ikbar ħniena, kif konna nkunu nafu bl-imġiba eżemplari tiegħu f'dan ir-rigward? Kull att tal-Profeta sar bl-iskop li jferraħ lil Alla."
(*Chaxma-e-Ma'rifat, Ruħaani Khazaa'in*; vol.23, p.300)

Issir ukoll allegazzjoni żbaljata rigward l-età u l-attenzjoni partikolari li kienet tattira Ħażrat Ajesha. Il-Qaddis Profeta kien f'xi ljieli jgħid lil Ħażrat Ajesha li,

"Nixtieq inqim lil Alla lejl sħiħ, Hu għal qalbi l-iktar."
(*Addurul Mansur Fit-Tafir Bil-Maħsur lil-Imam As-Sajuti, Surah Ad-Dukhan,* taħt v.4, vol.7, p.350)

## Alla huwa sever fil-kastig tiegħu

Għalhekk persuni bl-iktar moħħ pervers iqajmu dawn l-allegazzjonijiet; kif għamlu fil-passat ma neħodhiex bi kbira li jkomplu jagħmlu l-istess fil-futur. Kif għedt qabel, Alla s-Setgħani diġà ordna li l-Infern jimtela b'dawn in-nies. Huma u s-segwaċi tagħhom għandhom jibżgħu mill-kastig t'Alla. Kif qal il-Messija Mwiegħed,

"Alla s-Setgħani għandu stima kbira lejn il-maħbubin tiegħu."
(*Tarjaakul-Kulub, Ruħaani Khazaa'in*, vol.15, p.378)

F'din l-era huwa bagħat 'il-Messija tiegħu u l-Maħdi u ġibed l-attenzjoni tad-dinja lejn ir-reformazzjoni. Jekk ma jiqfux mill-ħażen u l-insulti li qed jagħmlu l-korla t'Alla se tkun severa.

Illum, id-diżastri naturali jisbqu fuq kollox u hawn it-tifrik kullimkien. Il-maltempati u l-urugani qed jaħkmu l-Istati Uniti bi frekwenza ikbar minn qatt qabel. Il-kriżi ekonomika sejra għall-agħar. Diversi abitazzjonijiet madwar id-dinja jinsabu mhedda li jispiċċaw taħt il-livell tal-ilma minħabba fit-tibdil fil-klima. Għalhekk id-dinja tinsab mgħarrqa fir-riskji u l-perikli. Dawn l-eċċessi għandhom jitfgħu ħarset dawn in-nies lejn Alla iktar milli lejn l-oxxenitajiet. Sfortunatament qed jiġri bil-maqlub. Qed jagħmlu ħilithom biex jittrasgredixxu iktar minn qatt qabel.

L-Imam tal-lum diġà ta twissija fil-bieraħ lil kulħadd dwar dan. Hu qal bl-iktar mod ċar li jekk id-dinja mhux se tieqaf u tisma', allura kull pass li tagħmel se jwassal għad-distruzzjoni tagħha.

# Il-messaġġ tal-Messija Mwiegħed

Il-messaġġ tal-Imwiegħed Messija hu wieħed li għandu jiġi mtenni darba wara l-oħra. Din ta' spiss tintqal u se nippreżentaha mill-ġdid darba oħra. Huwa qal:

> "Ftakru li Alla qalli dwar it-terremoti li ġejjin. Għalhekk ftakru fis-sew li, skont il-profezija, it-terremoti seħħew kemm fl-Amerika kif ukoll fl-Ewropa. Se jseħħu wkoll f'partijiet tal-Asja. Xi wħud minnhom jkunu tal-biża' daqs l-aħħar tad-dinja. Il-qerda tkun qawwija tant li x-xmajjar isiru ħomor bid-demm. Saħansitra l-annimali u l-għasafar ma jirnexxilhomx jaħarbuha. Distruzzjoni bħal din taħkem lid-dinja b'mod uniku. Ħafna postijiet jinqalbu ta' taħt fuq qishom qatt ma kienu abitati. Ikun hemm tbatijiet liema bħalhom kemm fis-sema kif ukoll fl-art u kull persuna sensibbli tintebaħ li dawn mhumiex ġrajjiet ordinarji u wieħed ma jsib l-ebda ħjiel dwarhom fil-kotba tal-astronomija u l-filosofija. Imbagħad in-nies tinħakem mill-ansjetà u tibda tistaqsi x'se jiġri. Ħafna jiġu salvati u ħafna jintilfu. Dawn il-ġranet jinsabu fil-qrib. Tabilħaqq, jinsabu fuq l-għatba tant li kulħadd se jassisti għal tmiem id-dinja. Mhux talli jkun hemm it-terremoti, iżda wkoll diżastri oħrajn; xi wħud mis-sema u oħrajn mill-art. Dan kollu jseħħ għax il-bnedmin waqfu milli jqimu lil Alla u l-ħsibijiet u l-intenzjonijiet tagħhom huma diretti kollha lejn id-dinja. Li kieku ma ġejtx dawn id-diżastri forsi kienu jintefgħu lura għal xi żmien, iżda issa li ġejt il-pjanijiet sigrieti tal-korla t'Alla li ilhom ħafna żmien mistura ġew manifestati. Kif qal Alla s-Setgħani m'għandna nikkastigaw qatt qabel nibagħtu l-messaġġier. Dawk li juru ndiema jsibu s-sigurtà u dawk li juru biża' qabel jinħakmu mid-diżastru jintwerew ħniena. Taħsbu li se tkunu salvati mit-terremoti? Jew li tistgħu ssalvaw lilkom infuskom waħedkom? Le, ma tistgħux. Il-pjanijiet kollha tal-bniedem jisfaxxaw fix-xejn f'dik il-ġurnata. Taħsbux li l-Amerika biss ġiet imċaqalqa mit-

terremot u li intom salvi għax intom tistgħu tesperjenzaw diżastri saħansitra ikbar. O Ewropa, m'intix ħielsa mill-periklu! O Asja, m'intix ħielsa mill-periklu! O intom li tgħixu fuq il-gżejjer, l-ebda alla artifiċjali mhu se jassistikom. Qed nara l-bliet jiġġarrfu u d-djar jitkissru. Il-Wieħed u l-Uniku ilu sieket għal ħafna żmien. Atti ta' min jistkerrahhom twettqu quddiem għajnejh u xorta waħda baqa' sieket, iżda issa se juri xi jsarraf b'mod terribbli. Min għandu l-widnejn biex jisma' ħa jisma'. Is-siegħa tinsab fil-qrib. Jien qed nagħmel ħilti biex kulħadd ikun taħt is-sigurtà t'Alla iżda d-digrieti tad-destin iridu jitwettqu. B'ċertezza ngħid li ma jdumx ma jmiss lil dan il-pajjiż. Żmien Noah jidher quddiem għajnejkom u taraw b'għajnejkom stess dak li ġara 'l-art ta' Lot. Alla iżda jinkorla bil-mod. Indmu ħalli Alla tiġih ħniena minnkom. Dak li jabbanduna 'l Alla huwa dudu tal-art u mhux bniedem u dak li m'għandux il-biża' tiegħu huwa mejjet u mhux ħaj."
(*Ħakikatul-Waħi, Ruħaani Khazaa'in,* vol.22, p.268-269)

Jalla Alla s-Setgħani jagħti l-għerf lid-dinja u jagħtihom il-possibbiltà li ma jippersistux fil-modi żbaljati u inġusti tagħhom. Jalla Alla jagħtina l-possibbiltà li nissodisfaw ir-responsabbiltajiet tagħna." Amen

## *Il-Komunità Aħmadija Musulmana*

# Imħabba għal Kulħadd – Mibegħda għal Ħadd

Il-Komunità Aħmadija fl-Iżlam (Ahmadiyya Muslim Jamaat) hi organizzazzjoni reliġjuża, b'fergħat f'aktar minn 200 pajjiż. Ġiet imwaqqfa minn Ħażrat Mirża Gulam Aħmad (1835-1908) fl-1889 ġewwa raħal żgħir jismu Kadjan fil-Punġab, l-Indja. Hu afferma li hu r-riformatur mistenni tal-aħħar żminijiet u dak li hu mistenni li jiġi mill-komunità dinjija tar-reliġjonijiet (il-*Maħdi* u l-Messija tal-aħħar ġranet).

Hu ma ġabx leġislazzjoni ġdida, imma ppreżenta l-Iżlam skont il-Koran Imqaddes u kif il-Profeta Muħammad, il-paċi tkun miegħu ipprattikah; mingħajr ebda alterazzjonijiet li kienu saru matul iż-żminijiet.

Il-Komunità Aħmadija tħaddan il-prinċipji tal-paċi, tat-tolleranza, tal-imħabba u tar-rispett bejn segwaċi ta' twemmin differenti. Hija tgħallem l-Iżlam il-veru, fil-purità kollha tiegħu. L-Iżlam hu reliġjon ta' paċi. Hu reliġjon li jilħaq mad-domanda u l-isfidi tad-dinja li qed tinbidel.

Il-Komunità Aħmadija żżomm sod u taġixxi fuq it-tagħlim Koraniku: "M'hemmx sfurzar fir-reliġjon."(2:257) Hija tikkundanna bil-qawwi l-vjolenza u t-terroriżmu ta' kull għamla jew raġuni. Hija temmen u tipprattika l-motto tagħha "Imħabba Għal Kulħadd, Mibegħda Għal Ħadd."

# Imħabba Għal Kulħadd
# Mibegħda Għal Ħadd

## *Il-Ħidma għall-Paċi*

Il-Komunità Aħmadija Musulmana qed taħdem bis-sħiħ biex tifrex il-messaġġ ta' paċi. L-Iżlam jinkoraġġixxi armonija reliġjuża u reċiproka u hu t-twemmin tal-komunità li t-tolleranza u r-rispett huma l-pedamenti ta' soċjetà paċifika.

---

## *Premju għall-Paċi*

Ta' kull sena l-Komunità Aħmadija qed tagħti premju għall-paċi li dik il-persuna fid-dinja li tiġi vvutata mill-membri tal-komunità bħala dik il-persuna li l-aktar tkun ħadmet għall-paċi.

Dan il-premju ta' £10,000 flimkien ma' trofew ta' apprezzament jista' jingħata lil dik il-persuna fid-dinja li tkun ħadmet għall-paċi mingħajr ma nħarsu lejn twemmin, kulur jew nazzjon. Dak juri l-imħabba kbira tal-komunità lejn il-paċi u s-sigurtà.




---

## *Servizz għall-Umanità*

L-Iżlam jistqarr li s-servizz lejn l-umanità hu parti mill-fidi. F'dan l-ispirtu l-Komunità Aħmadija waqqfet skejjel – miftuħa għal kulħadd – f'ħafna pajjiżi.

Il-Komunità Aħmadija Iżlamika hi magħrufa wkoll għas-sehem tagħha attiv fl-għajnuna soċjali u li tgħin fil-bżonnijiet mediċi u edukattivi, mhux biss għall-membri tagħha iżda wkoll għall-komunitajiet oħra. Il-Komunità fetħet ukoll ħafna kliniċi tal-mediċina u sptarijiet li joffru għajnuna medika b'xejn. Fl-Afrika dawn l-għajnuniet servew lin-nies tal-lokal għal għexieren ta' snin. Aktar tagħrif jista' jinstab fuq is-sit elettroniku: www.humanityfirst.org .

اَللّٰھُمَّ صَلِّ عَلٰی مُحَمَّدٍ وَّ عَلٰی اٰلِ مُحَمَّدٍ کَمَا صَلَّیْتَ
عَلٰی اِبْرَاھِیْمَ وَ عَلٰی اٰلِ اِبْرَاھِیْمَ اِنَّکَ حَمِیْدٌ مَّجِیْدٌ
اَللّٰھُمَّ بَارِکْ عَلٰی مُحَمَّدٍ وَّ عَلٰی اٰلِ مُحَمَّدٍ کَمَا بَارَکْتَ
عَلٰی اِبْرَاھِیْمَ وَ عَلٰی اٰلِ اِبْرَاھِیْمَ اِنَّکَ حَمِیْدٌ مَّجِیْدٌ ☆

This is a Maltese translation of the Friday Sermon of Hazrat Khalifatul Masih V (aba), delivered on 21st September 2012, from the Baitul Futuh Mosque, London.

Għal iktar informazzjoni dwar l-Iżlam, il-ħajja tal-Qaddis Profeta Muħammad, u l-Komunità Aħmadija, jekk jogħġbok żur il-websajt tagħna jew ikkuntattjana.

www.Ahmadiyyamalta.org
www.Ahmadija.org.mt
Email: amjmalta@gmail.com
Mob: +356-79320139
Tel: +356-27342401
Tel: +356-21322105
Fax: +356-27322105